MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 1098/2006

**John G Cassar Limited (C-189)**

**Vs**

**Zammit Carmelo**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-19 ta' Dicembru, 2006 fejn talab illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sitta u disghin lira u disgha u tmenin centezmu (Lm196.89) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija debitament mibjugha u konsenjata lill-istess konvenut..

Ra illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa' ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema' x-xhieda ta' Dr Simon Galea Testaferrata li bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma kif mitluba ta' mija u sitta u disghin lira u disgha u tmenin centezmu (Lm196.89) bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu ta' l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------